**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 6** **10 ta' Settembru, 2024**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fl-10 ta' Settembru fl-4.30 ta' waranofsinhar, u ġiet aġġornata fit-12 ta' Settembru fl-4.30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

NIL

**ASSENTI:**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **6.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| 6.1.1<br><br><br>6.1.2 | Kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa li bdiet fil-16:42. Il-Kunsillier Zerafa wasal fil-16.45.<br><br>Din l-Agenda kella issir kontinwazzjoni tagħha permezz ta laqgħa oħra fit-12 ta' Settembru li bdiet fil-16:45. Għal laqgħa ta kontinwazzjoni l-Viċi Sindku Miriam Camilleri kienet assenti b'apoloġija. |
| | |
| **6.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| 6.2.1 | Il-Kunsillier R. Bugeja propona u l-Viċi-Sindku Camilleri ssekondat il-minuti tal-laqgħat No 3 u tal-laqgħat b'urgenza No 4 u No 5. |
| | |
| **6.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku.** |
| 6.3.1<br><br><br><br>6.3.2 | Is-Sindku propona li ssir talba lill-MEPA sabiex id-djar li ser jinbnew max-xatt, fil-*UCA Area* kollha, isiru bħal dawk li hemm fi Triq il-Wilġa u jkunu bil-kuluri tradizzjonali tal-luzzu.<br><br>Kien hemm qbil unanimu dwar dan. |
| 6.3.3<br><br><br><br>6.3.4 | Is-Sindku ressaq proposta oħra sabiex issir talba lid-dipartiment u hekk tiġi aċċettata il-latrini isiru bi ħlas ta' mhux inqas minn Euro 0.50 u showers isiru biċ-ċippa.<br><br>Kien hemm qbil unanimu dwar dan. |
| 6.3.5 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera li nhar is-26 ta' Awwissu 2024, kellu laqgħa ma' rappreżentanti mill-Ministeru tat-Trasport, rigward is-Shuttle Service fejn marru fuq il-post f'Delimara minħabba l-problema tat-taxis u traffiku li qiegħed ikun hemm. Is-Sindku qal li ġejja persuna tispjega l-proposta li għamilna u jekk jaqblu ser tintbagħat lil Transport Malta. |
| 6.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li bagħat lill-Ministru kkonċernat u lill-Prim Ministru rigward Triq Axtart u Triq Melqart. Hu qal li kien ilu jitlob li jiġu rranġati dawn it-toroq għax dawn ma jaqgħux taħt ilir-remiti tal-Kunsill. Iżda għalkemm fl-aħħar dawn saru għadha ma ġietx kompluta u hemm biċċa perikoluża, però qalulu li l-kuntrattur qiegħed fuq biċċa xogħol oħra. Is-Sindku informa li bagħat lill-Prim Ministru u lill-Ministru kkonċernat. |
| 6.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fejn propona li ssir il-binja tal-Kunsill (Triq il-Port Ruman flok lex- Enemalta) hija aħjar għax hemm inqas spejjeż biex tiġi rranġata, u aktar hemm ċans li neħduha. |

***Ittieħed vot dwar jekk il-Binja tal-Kunsill għandhiex tkun fid-daħla ta' Triq il-Port Ruman flok l-ex Enemalta.***

| **Isem** | **Iva** | **Le** | **Astensjoni** |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Nazzareno Bugeja | X | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |
| Miriam Camilleri | X | | |

Kien hemm qbil unanimu.

6.3.8 Ġie diskuss ukoll il-karrijiet tal-Port Ruman li issa ilhom hemm għal snin twal. Is-Sindku staqsa hekk il-kunsilliera jaqblux li jitwaħħal avviż sabiex dawn jitneħħew.

6.3.9 Kien hemm qbil unanimu.

6.3.10 Is-Sindku tkellem ukoll dwar id-dgħajjes għall-perjodu tax-xitwa (Diċembru – April), u dwar il-ħtieġa li f'dan il-perjodu jitħallew jitqiegħdu dgħajjes MFA li jkunu reġistrati Marsaxlokk fi Triq it-Trunċiera in-naħa tal-baħar ħdejn il-pitch tal-waterpolo. Li dan ikun bi ħlas u li tiżdied klawsola li tgħid li l-Kunsill jeżimi ruħu minn inċidenti u ħsarat li jistgħu jsiru fuq dawn id-dgħajjes.

6.3.11 ***Taqblu li minn Diċembru sa Jannar jitpoġġew 4 dgħajjes li jkunu MFA u jkunu rreġistrati Marsaxlokk fi Triq it-Trunċiera bi ħlas?***

6.3.12

| **Isem** | **Iva** | **Le** | **Astensjoni** |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Nazzareno Bugeja | X | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |
| Miriam Camilleri | X | | |

6.3.13 Kien hemm qbil unanimu

6.3.14 Is-Sindku qal ukoll li faċċata tat-Torri Vendome, in-naħa tal-Latrina pubblika fl-iskalien, ma jistgħux jipparkjaw karozzi ħlief tas-sajjieda. Ittieħed ukoll vot dwar jekk jaqblux dwar dan.

6.3.15

| **Isem** | **Iva** | **Le** | **Astensjoni** |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Nazzareno Bugeja | X | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |
| Miriam Camilleri | X | | |

6.3.16 Kien hemm qbil unanimu

6.3.17 Ittieħed vot ukoll dwar jekk hux ser jiġu aċċettati dgħajjes li huma DFA u li huma reġistrati Marsaxlokk biex itellgħu d-dgħajjes fl-iskalien ta' Marsaxlokk.

6.3.18

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Nazzareno Bugeja | X | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |
| Miriam Camilleri | X | | |

6.3.19 Kien hemm qbil unanimu.

6.3.20 Il-Kunsillier R. Buġeja staqsa hux possibli li jitellgħu 2 dgħajjes quddiem il-koperattiva tas-sajd li hemm fi Triq il-Wilġa. Is-Sindku ressaq din il-proposta quddiem il-kunsill iżda din ma intlaqtx. Il-kunsillier Zerafa u Sindku qalu li din kienet diskussa mal-kunsill preċedenti qabel kien propost iċ-ċint.

6.3.21 Is-Sindku informa li ntbagħtu l-bylaws biex jinqraw. Dan sabiex issir laqgħa u jiġu diskussi.

6.3.22 Is-Sindku staqsa jekk jaqblux li jtellgħu d-dgħajjes fiż-żona tal-Magħluq fil-perjodu tax-xitwa (minn Diċembru sa April), u jekk jaqblux li jkunu imqegħda fuq in-naħa fejn hemm il-ħajt tal-ġebel. Is-Sindku infurmahom ukoll li Transport Malta kellhom jagħmlu l-kameras fiż-żona tal-Magħluq, iżda peress li għadhom ma sarux hemm bżonn li nerġgħu nibagħtulhom.

6.3.22 Is-Sindku talab lill-kunsillier M. Buġeja biex jibgħat jitlob għall-listi ta' dgħajjes reġistrati ma' DFA fuq Marsaxlokk.

6.3.23 Ftit ta' snin ilu kien sar referendum mir-reżidenti Xlukkajri rigward il-monti tal-Ħadd u għaddiet li jibda' jżarma fit-3pm. Il-Kunsillier Daniel Zerafa ddikjara kunflitt ta' interess.

6.3.24 Is-Sindku qal li ser jitkellem mal-CMD fuq il-kwistjoni ta' tindif wara l-monti nhar ta' Ħadd. Dan minħabba li qiegħed ikun hemm ħafna ġeblow u ħmieġ tal-ħut.

6.3.25 Ittieħed vot: ***Taqblu li l-Monti tal-Ħadd iżarma fit-3pm?***

6.3.26

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Nazzareno Bugeja | X | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | | | X |
| Miriam Camilleri | X | | |

6.3.27 Kien hemm qbil unanimu, b'Daniel Zerafa jiddikjara kunflitt ta' interess.

| | |
|---|---|
| 6.3.28 | ***Taqblu li l-Monti ta' fost il-ġimgħa jżarma wkoll fl-4.30pm?*** |
| 6.3.29 | (table below) |
| 6.3.30 | Kien hemm qbil unanimu, il-Kunsillier Zerafa jiddikjara kunflitt ta' interess. |
| 6.3.31 | ***Taqblu li l-Monti tal-Ħadd jarma' wara l-5.30am u fost il-ġimgħa jarma' wara 6.30am?*** |
| 6.3.32 | (table below) |
| 6.3.33 | Kien hemm qbil unanimu, b'Daniel Zerafa jkollu kunflitt ta' interess. |
| 6.3.34 | Is-Sindku informal ill-kunsilliera li bagħtu Infrastructure Malta li jridu jgħaddu xi wajres minn Triq iċ-Ċippi, Triq Lepanto, Triq iż-Żejtun, Triq Barthelemy u Triq Kavallerizza. |
| 6.3.35 | ***Taqblu li noġġezzjonaw u ngħidulhom jgħaddu minn Triq Lepanto u jibqgħu sejrin sa Triq l-Arznell*** |
| 6.3.36 | (table below) |
| 6.3.37 | Kien hemm qbil nem con. |
| 6.3.38 | Tismija ta' toroq ġodda -prolungament ta' Triq il-Biżantini u parti minn Triq Lepanto tissemma Trejqet il-Plejju. |
| 6.3.39 | Ġie deċiż li dik it-triq tissemma' Trejqet il-Plejju, minħabba li hu magħruf li f'dik it-triq kien jikber il-plejju. – Qbil Nem Con. |
| 6.3.40 | Intbagħtet email mir-Reġjun Nofsinhar, dawn joffru servizz ta' Community Stuart, huma talbu għal xi tip ta' għajnuna finanzjarja. Ġie maqbul li l-kunsill se |

6.3.29

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Nazzareno Bugeja | X | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | | | X |
| Miriam Camilleri | X | | |

6.3.32

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Nazzareno Bugeja | X | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | | | |
| Miriam Camilleri | X | | |

6.3.36

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Nazzareno Bugeja | X | | |
| Matthew Bugeja | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |
| Miriam Camilleri | X | | |

| | |
|---|---|
| | jallokka Euro 500 għal-ħarsien tal-annimali, iżda dawn jitqassmu skond il-ħtieġa u mhux jingħataw lill-community stuart. Kien hemm qbil unanimu. |
| 6.3.41<br><br><br>6.3.42 | Is-Sindku qal li fuq il-proposta taz-Zebra Crossing ta' nofs il-pjazza li ressaq il-Kunsillier M. Bugeja fl-aħħar laqgħa, hu qiegħed jipproponi li ż-zebra crossing għandha ssir fuq ir-raised hump li hemm quddiem ħanut tal-kafe'.<br><br>Kien hemm ukoll qbil unanimu dwar dan. |
| 6.3.43 | Is-Sindku qal li fi Triq Maurice Bonnici għandu jsir ġnien, hu kellem lill-Perit biex jibda ix-xogħol neċessarju. |
| 6.3.44 | Is-Sindku tkellem dwar il-pjazza, kien ġab quote minħabba xi pjanti. Ser jara mal-ERA biex ikun jaf kemm hemm fondi li nistgħu nużaw biex jinxtraw dawn il-pjanti. Ħa jara jekk nistgħux indaħħlu l-funtana fl-ispiża wkoll. |
| 6.3.45 | Is-Sindku qal li Triq Melqart ma' Triq Bir Rikka kellu risposta mill-Ministru kkonċernat, fejn qallu li ser iqabbdu ma' Perit ta' Transport Malta u li ser ikollu laqgħa magħha l-ġimgħa d-dieħla. |
| | |
| **6.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 6.4.1<br><br><br>6.4.2 | Il-Kunsillier Daniel Zerafa staqsa dwar Triq Ċiċerun u Triq ix-Xambekk u jekk hemmx xi ħsieb li dawn isiru.<br><br>Is-Sindku wieġeb li ser jaraw liema toroq huma prijorità u nimxu minn hemm, għax diġà kien hemm xi toroq skedati biex isiru qabel. |
| 6.4.3<br><br><br>6.4.4 | Il-Kunsillier M Bugeja staqsa jekk jistgħux il-wajers tad-dawl f'dawk it-toroq li se jsiru, jitneħħew għax huma ta' inkonvenjent.<br><br>Is-Sindku wieġeb li ser jitlob lill- Enemalta biex dawn jitneħħew. Matthew qal li għandna nitolbu lil Enemalta biex iż-żona tal-Magħluq jitneħħew il-wajers u s-Sindku wieġeb li ser jitkellem magħhom. |
| 6.4.5 | Il-Kunsillier M. Bugeja staqsa wkoll dwar fhiex waslu ċ-charging pillars li kien intalbu biex isiru. Is-Sindku wieġeb li ser jistaqsi dwarhom, is-segretarju eżekuttiv irrimarkat li ftit tax-xhur ilu bagħtet email tistaqsi dwarhom fejn ma ġietx mogħtija data. |
| 6.4.6 | Il-Kunsillier Zerafa tkellem dwar il-clean-up li saret fil-batterija ta' San Pawl. Hu qal li ilu jitlob li jsiru l-blokok ħalli jingħalaq l-aċċess. Qal li diġà ġew mitkellma is-sidien tal-għelieqi u ħa jħallu passaġġ għalihom. Hekk min irid jarmi hemm ma jistax. |

| | |
|---|---|
| 6.4.7 | Is-Sindku qal li jekk se jgħaddi l-bidwi jista' jgħaddi min irid jarmi. Għaldaqstant ser jibgħat email lill-Ministeru rigward din il-problema. |
| 6.4.8<br><br><br><br><br><br><br>6.4.9<br><br><br>6.4.10<br><br><br><br><br>6.4.11<br><br><br><br>6.4.12<br><br><br>6.4.13<br><br>6.4.14<br><br><br><br><br>6.4.15<br><br><br><br>6.4.16 | Il-Kunsillier Zerafa informal ill-kunsilliera li ġimagħtejn ilu kien bagħat lil Transport Malta rigward tat-taxis għax qegħdin jagħmlu parkeġġi doppji, jagħlqu t-toroq u joħolqu inkonvenjent. Huwa qal ukoll li ftit wara dawn ċemplu u qed jiġu uffiċjali ta' Transport Malta kuljum. Iżda dawn ġew mgħajra u insultati minn tat-taxis u bdew inaqqsu milli jattendu meta raw li qed jiġu offenduti u diskoraġġati.<br><br>Is-Sindku wieġeb li hu talab laqgħa ma' Transport Malta u li kellha ssir l-Erbgħa 11 ta' Settembru 2024.<br><br>Is-Sindku qal li meta niżel ix-Xatt josserva u jiltaqa' ma' dan l-uffiċjal li jiġi superjuri u meta ġew l-uffiċjali l-oħrajn ta' Transport Malta, qal li ra li kien hemm uffiċjal li semgħu b'widnejh stess jgħid lill-individwu b'karozza normali u mhux tal-Y plate, sabiex isuq minn hemm "għax is-Sindku ma jridkomx hemm."<br><br>Is-Sindku kellmu u qallu max-Xatt permessibbli biss li jieqaf għal 15-il minuta. Fl-istess ħin waqaf wieħed tal-Y Plate u dan waqqaf fuq iż-zebra crossing u beda għalhekk jostakola t-triq u lil dan l-uffiċjal ta Transport Malta ma' kellmuhomx<br><br>Qal li dawn li suppost kienu hemm biex ikellmu lil tat-taxis, iżda minflok bdew jirraportaw liċ-ċittadini normali.<br><br>Dan l-uffiċjal beda jgħajjar lis-Sindku personalment u kien offensiv.<br><br>Is-Sindku rrimarka li dawn tat-taxis suppost ikunu hemm l-Erbgħa u l-Ħadd biss u qegħdin jipparkjaw anke fuq kaxxi bojod ta' kuljum, filwaqt li xi wħud qegħdin jitfgħu biċċa biex jgħattu n-number plate sabiex ma jidrux mill-cameras li hemm max-Xatt.<br><br>Il-Kunsillier M. Buġeja staqsa jekk saritx il-laqgħa li kellha ssir magħhom u kif baqgħu. Is-Sindku wieġeb li kien hemm il-laqgħa u ġie surġent tal-Community iżda l-oħrajn ma ġewx.<br><br>M. Buġeja staqsa kif dawn mhux qed jinqabdu mill-kameras tal-LESA, u s-Sindku wieġeb li l-kameras ma jġibux it-triq kollha, u apparti minn hekk il-kamera tkun qiegħda ddur u ma tinzertax qed tħares 'l hemm, jew inkella jagħmlu l-kameras mill-control room iħarsu lejn xi mkien ieħor. Għalhekk ser inkellmu wkoll lil-LESA u l-pulizija rigward il-kameras. |
| 6.4.17 | IL-kunsillier M. Buġeja staqsa wkoll kif bqajna dwar l-iskema tal-Public Works rigward id-dog parks. Is-Sindku qal li ser nibagħtu għall-appuntament mal-Ministru. |
| 6.4.18 | Il-Kunsillier M. Buġeja staqsa wkoll kif bqajna dwar Sqaq Bużbieżi, u s-Sindku wieġeb li t-tender lest, u li ser isiru mill-UIF Funds u l- 20% l-oħra ħa jgħinuna ir-regjun Nofsinhar sabiex ikun kopert l-spiza kollha. |

| | |
|---|---|
| 6.4.19 | Is-Sindku qal li kellu laqgħa flimkien mal-Viċi Sindku u ġie maqbul li darba fil-ġimgħa ser jibdew jahslu xi toroq filgħaxija u ser jibagħtu kenniesa filgħaxijiet ukoll. |
| 6.4.20 | Il-Kunsillier R. Bugeja staqsa jekk Xatt is-Sajjieda n-naħa faċċata tal-knisja fejn ikun hemm il-vann tal-ġelat hemmx xi kameras. Is-Sindku qal li ser jara hemmx possibilità li din issir u kemm tiswa. |
| 6.4.21 | Daniel talab għall-rendikont ta' kemm ħarġu ċitazzjonijiet il-LESA din l-aħħar sena mill-kameras u s-Sindku qabel. |
| | |
| **6.5** | **Sotto-Kumitat taż-Żgħażagħ Xlukkajri** |
| 6.5.1 | Il-kunsillier M. Buġeja talab sabiex jinħoloq sotto-kumitat ta' żgħażagħ iffurmat mill-għaqdiet. Il-Kunsillier Matthew ser jieħu ħsieb dan. Qbil unanimu. |
| | |
| **6.6** | **Jum Marsaxlokk** |
| 6.6.1<br><br><br><br><br><br><br>6.6.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kunsilliera rigward l-eżebizzjonijiet minn entitajiet u aġenziji governattivi li se jkun hemm dik inhar ta' Jum Marsaxlokk. Dawn huma Heritage Malta, Project Green, ERA, Pulizija, Xummiemu u Restoration Directorate. Il-Kunsillier M. Buġeja li attenda wkoll għal-laqgħat mal-entitajiet ta' nformazzjoni x'ħa jkunu qegħdin joffru u jeżebixxu dawn l-entitajiet u agenziji.<br><br>Ġie diskuss li jrid isir poster bl-aġenda tal-attività ta' Jum Marsaxlokk. |
| | |
| **6.7** | **Nominazzjonijiet, Rikonoxximent u Ġieħ Marsaxlokk** |
| 6.7.1 | Ġie maqbul b'mod unanimu kif se jingħataw ir-rikonoxximenti u min se jingħata Ġieħ Marsaxlokk. Daħlet biss nomina waħda u din il-persuna li ġiet nominata se tingħata Ġieħ Marsaxlokk. Din il-persuna fis-snin ta' qabel kien diġà ngħata rikonoxximent. Ġieħ Marsaxlokk ser jingħata lil Michael Zahra. Ġie maqbul ukoll li jingħataw rikonoxximenti is-Sa Josephine Ebejer Grech, Carmel Vella, Dr. Mary Muscat, Stephen Grech u Elenia Desira. |
| | |
| **6.8** | **Fish Fest** |
| 6.8.1 | Fish Fest kollox hu lest. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-kunsilliera x'kien ġie diskuss fil-laqgħa li saret mar-rappreżentati tal-Fisheries fejn flimkien mas-Sindku attenda wkoll il-Kunsillier M. Buġeja |

| | |
|---|---|
| | |
| **6.9** | **Performance Bonus tal-Eks-Segretarju Eżekuttiv** |
| 6.9.1 | Ġie diskuss li se jiġi revedut il-persentaġġ ta' qabel għal dak tal-lum. Maqbul b'mod unanimu il-persentaġġ li se jingħata. |
| | |
| **6.10** | **Community Steward** |
| 6.10.1 | Dan il-punt ġie eżawrit f'punt 6.3.40 |
| | |
| **6.11** | **Planning Authority** |
| 6.11.1<br><br><br><br><br><br><br>6.11.2 | P.A No: 4756/24 ġie dikuss mal-iżviluppatur li jridu jsiru xi emendi. Ġie maqbul li dse jibagħtu lill-Planning Authority biex dan l-iżvilupp f'Xatt is-Sajjieda, il-faċċata tibqa' bl-istess għoli u arkitettura iżda s-sular ta fuq se jkun recessed - il-binja tkun imdaħħla aktar 'il ġewwa li ma tidhirx minn max-xatt. Is-Sindku qal lill-kunsillier M Bugeja sabiex jipprepara l-ittra li għandha tintbagħat lill-Planning Authority.<br><br>Lill-iżviluppatur fehmu li l-blank wall jiġi dekorat b'mod li jitwaqqa' l-impatt viżiv. |
| | |
| **6.12** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| 6.12.1 | Propona l-Kunsillier Reno Bugeja u ssekondat il-Viċi Sindku Miriam Camilleri. |
| | |
| **6.13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 6.13.1 | Il-laqgħa tal-Kunsill Nru 6 ġiet fit-tmiem wara li kienet eżawrita l-aġenda kollha. Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun nhar il-Ħamis 10 ta' Ottubru, 2024 fl-4:30pm. |

Konfermati, illum 10 ta' Ottubru, 2024.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

_________________________ ___________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**Karen Scicluna**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

___________________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

____________________________

***Sekondant***